



**OPINJONI NRU 07/2010**

**TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI**

**tat-13 ta' Diċembru 2010**

**għal Regolament tal-Kummissjoni XXX/2010 li jstabbixxi Regoli Implimentattivi għaċ-ċertifikazzjoni medika tal-bdoti u s-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina**

## I. Ġenerali

1. L-iskop ta' din l-Opinjoni huwa li tgħin lill-Kummissjoni tistabbilixxi Regoli Implimentattivi għaċ-ċertifikazzjoni medika tal-bdoti u s-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina. L-ambitu tal-kompiti ta' tfassil ta' regoli relatati ġie spjegat fit-Termini ta' Referenza FCL.001 u OPS.001 u ġie deskritt fid-dettall fin-Noti ta' Spjegazzjoni tal-NPA 2008-17 (a) u tal-NPA 2009-02 (a).
2. L-objettiv tar-regoli proposti huwa li joħolqu rekwiżiti mediċi differenti għaċ-ċertifikati mediċi tal-bdoti li jkunu proporzjonali għall-privileġġi tal-liċenzja kkonċernata, u regoli għall-valutazzjoni tas-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina biex jeżerċitaw b'mod sikur id-dmirijiet ta' sikurezza assenjati tagħhom.
3. Ir-regoli proposti ġew żviluppatti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija) fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 (ir-Regolament Bażiku). Barra minn hekk, fil-każ ta' ċertifikazzjoni medika tal-bdoti, ir-regoli ġew ibbażati fuq Standards u Prattiki Rakkomandati tal-ICAO, Rekwiżiti Konġunti tal-Avjazzjoni adottati (JAR-FCL 3) u rekwiżiti nazzjonali żviluppatti fl-Istati Membri għal dispożizzjonijiet mediċi mhux koperti mill-JAR-FCL 3. Ir-regoli proposti jinkludu dispożizzjonijiet li jirriżultaw minn NPAs sa JAR-FCL 3 li kienu f'fażi avvanzata ta' adozzjoni fis-sistema JAA iżda ma għaddewx mill-proċess regulatorju sħiħ minħabba l-għeluq tal-JAA.

Fil-każ tas-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina, ir-rakkomandazzjoni tal-ICAO rilevanti<sup>1</sup> u d-diversi prattiki nazzjonali jew rekwiżiti ġew ikkunsidrati wkoll flimkien mar-Rekwiżit Essenzjali applikabbli tal-Anness IV għar-Regolament Bażiku, UE-OPS<sup>2</sup> u t-Taqsima 2 tal-JAR-OPS 1<sup>3</sup>.

## II. Konsultazzjoni

4. L-Avviż tal-Emenda Proposta (NPA) NPA 2008-17 "Regoli Implimentattivi għall-Fruġ ta' Liċenzji għall-Piloti" ġie ppubblikat fuq il-websajt tal-Aġenzija fil-5 ta' Ġunju 2008 għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati kollha skont l-Artikolu 52 tar-Regolament Bażiku u l-Artikoli 5(3) u 6 tal-Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli. NPA 2008-17c tiegħu kien fih abbozzi ta' proposti għall-IR u AMC u GM relatati maċ-ċertifikazzjoni medika tal-bdoti (Parti-MED).
5. NPA 2009-02 "Regoli Implimentattivi għal Operazzjonijiet bl-Ajru ta' Operatur Komunitarju" ġie ippubblikat fuq il-websajt tal-Aġenzija fit-30 ta' Jannar 2009 u NPA 2009-02(e) tiegħu kien fih l-abbozzi tal-proposti għas-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina.
6. L-Aġenzija emendat id-dispożizzjonijiet mediċi għall-bdoti u l-ekwipaġġ tal-kabina filwaqt li kkunsidrat il-kummenti li waslu u, fit-23 ta' Ġunju 2010, ippubblikat id-Dokument ta' Tweġibiet għall-Kummenti (CRD) għall-NPA 2008-17c u NPA 2009-02e. Ir-regoli proposti għas-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina ġew inklużi bħala Subparti separata f'dan is-CRD.
7. Is-CRD għall-NPA 2008-17c u NPA 2009-02e kien miftuħ għal reazzjonijiet mill-partijiet interessati għal perjodu ta' xahrejn, kif stabbilit fil-Proċedura ta' Tfassil ta' Regoli. Sad-data ta' għeluq tat-23 ta' Awwissu 2010, l-Aġenzija rċeviet ammont konsiderevoli ta'

<sup>1</sup> ICAO Dokument 7192-AN/857 Parti E-1 *Cabin Attendants' Safety Training Manual*, It-tieni edizzjoni 1996 – Paragrafu 1.2.23 dwar Kwalifiki minimi.

<sup>2</sup> EU-OPS – Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 8/2008 tal-11 ta' Diċembru 2007 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008.

<sup>3</sup> [TGL 44](#).

reazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni medika tal-bdoti minn aktar minn 200 kummentatur individwali, inklużi Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni, organizzazzjonijiet professjonali, operaturi individwali, organizzazzjonijiet ġenerali tal-avjazzjoni li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt, kumpaniji privati u persuni individwali. Ir-reazzjonijiet relatati mas-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina saru minn 18-il kummentatur inklużi Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni, operaturi u organizzazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina.

Ir-reazzjonijiet kollha li waslu għas-CRD fl-NPA 2008-17c u fl-NPA 2009-02e ġew ikkunsidrati għall-abbozzar finali tal-Opinjoni għar-“Regoli Implimentattivi għaċ-ċertifikazzjoni medika tal-bdoti u għas-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina” (Parti-MED).

### III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

8. Din l-Opinjoni fiha l-proposti tal-Aġenzija għal Regoli Implimentattivi għal:
- iċ-ċertifikazzjoni medika tal-bdoti msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Bażiku;
  - iċ-ċertifikazzjoni medika tal-bdoti li jkollhom liċenzji ta' bdoti ta' inġenji tal-ajru ħfief (LAPL) imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament Bażiku;
  - iċ-ċertifikazzjoni ta' eżaminaturi ajromediċi;
  - professjonisti mediċi ġenerali (GMP) li jistgħu jaġixxu bħala AMEs għal bdoti li japplikaw għal jew li jkollhom LAPL; u
  - l-istat mediku tal-ekwipaġġ tal-kabina msemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Bażiku, kif ukoll għall-professjonisti mediċi tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol (OHMP - occupational health medical practitioners) li jistgħu jkunu involuti fil-valutazzjoni medika tagħhom.

#### **Struttura tal-Opinjoni**

9. L-istruttura tal-Opinjoni ġiet adattata xi ffit. Dan sar għal żewġ raġunijiet. Raġuni waħda kienet biex ikun hemm separazzjoni ċara bejn ir-regoli tekniċi u r-regoli għall-awtoritajiet kompetenti, u t-tieni waħda kienet biex jiġu ffaċilitati bidliet futuri possibbli fir-Regoli implimentattivi. Din tal-aħħar tista' tkun meħtieġa biex jiġi introdott rekwiżit mediku għall-kontrolluri tat-traffiku bl-ajru. Il-bidliet strutturali ewlenin u l-ordni tas-Subpartijiet u t-Taqsimiet huma indikati hawn taħt. Fl-Anness 1 hemm tabella ta' tqabbil bejn is-CRD tal-NPA 2008-17c u l-NPA 2009-02e u din l-Opinjoni.

#### **Subparti A Rewiżiti Ġenerali**

- Taqsima 1, Ġenerali, fiha r-regoli kollha li huma applikabbli għall-bdoti u għall-ekwipaġġ tal-kabina. Fil-futur jistgħu jiżiedu Regoli Implimentattivi għall-kontrolluri tat-traffiku bl-ajru.
- Taqsima 2, Rekwiżiti għaċ-ċertifikati mediċi, hija applikabbli għall-bdoti biss. Fit-tieni stadju jistgħu jiżiedu r-rekwiżiti għall-kontrolluri tat-traffiku bl-ajru.
- Taqsima 3, Sospensjoni u revoka, tħassret. Il-paragrafu dwar is-sospensjoni tal-eżerċizzju tal-privileġġi żdied mal-MED.A.020 fuq tnaqqis fis-saħħa medika u l-paragrafu dwar is-sospensjoni u r-revoka ta' ċertifikati mediċi tħassar mill-Parti-MED u sejjer jiżdied mal-Parti AR.

#### **Subparti B Rekwiżiti għaċ-Ċertifikati Mediċi tal-Bdoti**

- Il-paragrafu dwar il-limitazzjoni taċ-ċertifikati mediċi tressaq mis-Subparti A għal din is-Subparti minħabba li sejjer ikun applikabbli biss għal bdoti.

#### **Subparti Ċ Riżervata għal Ċertifikati Mediċi tal-Kontrolluri tat-Traffiku tal-Ajru**

#### **Subparti D Rekwiżiti għas-Saħħa Medika tal-Ekwipaġġ tal-Kabina**

## **Subparti E Eżaminaturi Ajromediċi, Professjonisti Mediċi Ġenerali, Professjonijisti tas-Saħħa Medika fuq il-Post tax-Xogħol**

- Din is-Subparti fiha r-Regoli implimentattivi għall-ispeċjalisti mediċi kollha involuti fl-evalwazzjoni tas-saħħa medika.
- 10. Ir-reazzjonijiet kollha rċevuti ġew evalwati u bħala riżultat inbidlu xi test. Il-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu riveduti kienu relatati maċ-ċertifikat mediku għal-LAPL u s-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina.

### **Reazzjonijiet relatati maċ-ċertifikati mediċi għall-LAPL**

11. Ir-rekwiżiti mediċi għad-detenturi tal-LAPL kien l-aktar suġġett kontroversjali fl-NPA 2008-17c u għal darb'oħra fis-CRD. Madwar 50% tar-reazzjonijiet saru għall-paragrafu B.090 tas-CRD (B.095 f'din l-Opinjoni) li jitratta r-rekwiżiti mediċi għal applikanti għal ċertifikat mediku tal-LAPL, u għar-rekwiżiti dwar professjonisti mediċi ġenerali li jaġixxu bħala AMEs. Dawn ir-reazzjonijiet kienu differenti ħafna u saru minn bdoti individwali (114 reazzjoni, 113 minnhom minn bdoti ta' gliders fir-Renju Unit), Assoċjazzjonijiet ta' Bdoti (17-il reazzjoni, 9 x UK, 3 x DE, 2 x SE u wieħed kull wieħed mill-CH, DK u RI), AMEs (2 x DE), Assoċjazzjonijiet tal-AME (1 x Assoċjazzjoni Ewropea, 1 X AU, 1 X DE), Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni (8), Ministeru tat-Trasport ta' 2 Stati Membri.
12. Il-bdoti Brittaniċi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom jitolbu bil-qawwa li ma ssir ebda bidla fir-regolamenti nazzjonali attwali tagħhom għal bdoti ta' gliders u detenturi ta' liċenzji nazzjonali ta' bdoti privati (NPPL). L-informazzjoni fuq il-websajt tas-CAA tar-Renju Unit għall-professjonisti mediċi ġenerali (GP) hija: "L-ewwel ħaġa li għandha tiġi enfasizzata hija li inti, il-prattikant mediku ġenerali, mhux qed tintalab li tivvaluta "L-idoneità għat-tajran" tal-applikant. Il-kontrofirma tiegħek tikkonferma biss li m'hemm xejn fl-istorja medika tal-applikant li tista' timpedixxi li dan jissodisfa l-istandards tas-sewqan tal-Grupp 1 jew Grupp 2 tad-DVLA. ...".
13. Madankollu, fl-Artikolu 7, ir-Regolament Bażiku jiddikjara li, fil-każ ta' liċenzja ta' bdot għal titjir rikreattiv (LAPL), Prattikant mediku ġenerali (GMP) jista' jaġixxi bħala AME jekk ikun awtorizzat skont il-liġi nazzjonali. Dan jista' jwassal għall-konklużjoni li l-GMP, eżatt bħall-AME, jevalwa l-idoneità għat-titjir tal-bdot.
14. Prattikant mediku ġenerali tar-Renju Unit ikollu l-istorja medika tal-pazjenti li jkunu rreġistrati miegħu/magħha. Skont l-informazzjoni tal-websajt tas-CAA tar-Renju Unit, bdot ta' gliders tar-Renju Unit jew detentur tal-NPPL għandu jara lill-prattikant mediku ġenerali (GP) li jkun reġistrat miegħu għall-kontrofirma msemmija fil-paragrafu 12. Għalhekk, il-bdoti ma jistgħux imorru għand kwalunkwe GP. Jekk applikant ma jkollux GP, hu/hi għandu jmur għand AME għal ċertifikat mediku.
15. Is-sistemi mediċi fl-Istati Membri huma differenti ħafna u hemm SM fejn persuna tista' tmur għand kwalunkwe GP mingħajr ma tkun irreġistrata u wkoll għand GP differenti kull meta hu/hi jkollu/jkollha bżonn wieħed. Dawn il-professjonisti mediċi jista' ma jkollhomx għarfien suffiċjenti tal-istorja medika tal-pazjent/bdot.
16. L-Istati Membri rreaġixxew kontra ċ-ċertifikati mediċi li huma inqas mill-istandards tal-ICAO u tal-AMEs billi qalu li l-istandards tas-sewqan mhumiex biżżejjed għall-valutazzjoni tal-idoneità għat-tajran minħabba li l-influenza tat-tielet dimensjoni hija nieqsa u l-impatt tal-istress speċifiku tat-tajran mhuwiex ikkunsidrat.
17. Fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-GMP, il-bdoti qalu li ma jeħtiġux li jkollhom għarfien fil-mediċina tal-avjazzjoni jew li jkollhom jew inkella kellhom liċenzja ta' bdot. It-tħassib ewleni tagħhom huwa li l-ispiża għall-firma tal-G(M)P sejra togħla ħafna jew li l-G(M)P jista' lanqas jimpurtah li jiffirma l-karta. AMEs irreaġixxew billi qalu li persuna li għandha għarfien totali f'dan il-qasam biss tista' tevalwa l-idoneità għat-tajran. Il-maġġoranza tal-Istati Membri li bagħtu r-reazzjonijiet tagħhom qalu li GMP ma għandux joħroġ ċertifikati mediċi.

18. B'kunsiderazzjoni tar-reazzjonijiet kollha li waslu, saru l-bidliet li ġejjin fl-Opinjoni:
- Ir-rekwiżiti dwar il-GMP rigward l-għarfien fil-mediċina tal-avjazzjoni jew ir-regola li jkollhom jew inkella li kellhom liċenzja ta' bdot tħassru. Ġie miżjud rekwiżit li regoli nazzjonali addizzjonali għandhom japplikaw.
  - Ir-rekwiżiti mediċi ma nbidlux sostanzjalment iżda dawn huma aktar flessibbli minħabba formolazzjoni mill-ġdid u jibqgħu ferm taħt l-istandards tal-ICAO. L-AMCs se jn jiffasslu mill-ġdid sabiex jittqies l-għarfien differenti tal-istorja medika tal-applikant li GP jkollu ta' persuna reġistrata miegħu/magħha kif deskritt għar-Renju Unit, u AME li jista' jara lill-bdot darba biss.
  - Il-perjodi ta' validità ta' ċertifikati mediċi LAPL ġew allinjati mal-istandards tal-ICAO.

### **Reazzjonijiet relatati mas-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina**

19. Ir-reazzjonijiet li waslu juru li ħafna mit-tħassib oriġina minn żewġ raġunijiet prinċipali:
- id-diversità sinifikanti ta' prattiki fl-Istati Membri, inkluża l-eżistenza, jew le, ta' ċertifikazzjoni medika nazzjonali għall-ekwipaġġ tal-kabina; u
  - il-fehimiet differenti tal-intenzjoni tal-leġiżlatur kif previst fir-Regolament Bażiku fir-rigward tal-kwalifiki tal-ekwipaġġ tal-kabina u s-saħħa medika.
20. Ir-reazzjonijiet ta' 18-il kummentatur kienu ta' tliet tipi. Żewġ Stati Membri, organizzazzjoni waħda tal-linja tal-ajru u żewġ operatori individwali opponew kwalunkwe bidla lil hinn mill-UE-OPS. Żewġ Stati Membri oħra qablu dwar xi armonizzazzjoni (f'fażijiet) lil hinn mill-UE-OPS, u pproponew emendi kif adatt. Il-kummentaturi l-oħrajn, inklużi tliet Stati Membri u organizzazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina, fil-prinċipju appoġġaw il-proposti tas-CRD, anki jekk dawn tal-aħħar ikkunsidraw li r-regoli għandhom ikunu aktar stretti.
- B'mod konkret, il-kwistjonijiet ewlenin imqajma rriflettew id-differenzi ewlenin bejn il-prattiki nazzjonali, kif ġej:
- jekk valutazzjonijiet ajromediċi għandhomx jinkludu eżami kliniku jew le;
  - il-perjodi ta' validità ta' valutazzjonijiet ajromediċi;
  - il-valur miżjud, jew le, ta' sistema ta' ċertifikazzjoni medika;
  - il-ħtieġa għal rekwiżiti mediċi tal-klassi 2;
  - il-ħtieġa għal 'karta' medika li tindika r-risultat tal-valutazzjonijiet ajromediċi.
21. Il-proposti ppubblikati fl-NPA 2009-02e u s-CRD relatat kienu ġew żviluppanti inizjalment fuq il-bażi ta' analiżi kkoordinata tar-Regolament Bażiku mwettqa mal-Kummissjoni Ewropea f'Mejju 2008, u l-identifikazzjoni ta' kundizzjonijiet mediċi li jimpedixxu lil membru tal-ekwipaġġ tal-kabina milli jwettaq id-dmirijiet ta' sikurezza tiegħu kif suppost. L-għan tal-Aġenzija kien li l-proposti finali jirriflettu r-risultat tal-proċess ta' konsultazzjoni, b'bilanċ bir-reqqa, b'kunsiderazzjoni tal-ġustifikazzjoni pprovduta u l-opinjoni differnti ħafna espressi mill-partijiet interessati, inklużi l-Istati Membri, Assoċjazzjonijiet tal-Linji tal-Ajru, Assoċjazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-Kabini, u Professjonisti Mediċi. Jiġifieri, minn naħa waħda, il-flessibilità l-ġdida proposta fis-CRD, li l-valutazzjonijiet jitwettqu taħt is-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, kif inhu l-każ bħalissa f'diversi Stati Membri, deher li indirizzat ħafna mit-tħassib imfisser lill-NPA u għalhekk tiġi kkonfermata. Min-naħa l-oħra, il-valutazzjonijiet ajromediċi jinkludu eżami kliniku, kif huwa attwalment il-każ fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri, jew minn AME jew taħt is-Sistema Nazzjonali rilevanti tas-Saħħa Fuq il-Post tax-Xogħol.
22. Matul il-proċess ta' reviżjoni tar-reazzjonijiet tas-CRD, l-Aġenzija ġiet infurmata mill-Kummissjoni Ewropea li r-Regoli Implimentattivi proposti għandhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid bir-reqqa u għandhom jiġu riveduti billi jittqies b'mod partikolari li l-livell ta' armonizzazzjoni li għandu jinkiseb għas-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina ma kienx speċifikat fir-Regolament Bażiku.

23. Il-proposti ppreżentati f'din l-Opinjoni, u deskritti f'aktar dettall fil-paragrafi 36 sa 40 hawn taħt, huma r-riżultat ta' din ir-reviżjoni, li primarjament timmira li ssir transizzjoni bla xkiel, kif sostnuta minn xi wħud mir-reazzjonijiet ippreżentati għas-CRD u kif hemm referenza għalihom fil-paragrafu 20 hawn fuq.
24. Is-Subparti D, li fiha r-rekwiżiti għas-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina, għal skopijiet ta' ċarezza tinkludi Taqsima 3 ġdida mar-rekwiżiti addizzjonali applikabbli biss għad-detenturi ta' attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina f'operazzjonijiet kummerċjali ta' trasport bl-ajru.

### **Reazzjonijiet oħra u l-impatt tagħhom fuq din l-Opinjoni**

#### **Subparti A – Rekwiżiti Ġenerali**

25. MED.A.001: Punt ġdid (d) żdied biex jiddefinixxi l-'Awtorità kompetenti' għall-prattikant mediku tas-saħħa medika fuq il-post tax-xogħol li jista' jkun involut fil-valutazzjoni medika tal-ekwipaġġ tal-kabina.
26. MED.A.10: Definizzjoni ġdida żdiedet għal "valutazzjoni" u d-dokument ġie rivedut biex tiġi żgurata konsistenza meta tintuża l-espressjoni. B'konsegwenza ta' dan, saru xi tibdiliet li ġew ikkunsidrati editorjali minħabba li ġew introdotti biex jiżguraw il-konsistenza fit-test.
27. MED.A.020: Żdied paragrafu ġdid (d) dwar is-sospensjoni tal-eżerċizzju tad-dmirijiet tal-ekwipaġġ tal-kabina (MED.E.010 ta' qabel).
28. MED.A.025 (b)(4): Żewġ reazzjonijiet mill-Stati Membri indikaw li AeMCs, AMEs, u GMPs għandhom iżommu r-rekords tal-eżamijiet, testijiet, investigazzjonijiet u valutazzjonijiet ajromediċi iżda li dawn m'għandhomx jibagħtuhom lill-awtorità tal-liċenzji fuq bażi ta' rutina. Ir-raġuni prinċipali għal dan il-kumment lill-NPA u r-reazzjoni għas-CRD kienet il-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta.

It-test ma nbidilx għar-raġunijiet li ġejjin:

- Anness 1, 1.2.4.6<sup>4</sup> tal-ICAO jeħtieġ li l-AME jibgħat ir-riżultati tal-eżami lill-awtorità tal-liċenzji.
- Anness 1<sup>5</sup>, 6.3.1.3 tal-ICAO (klassi 1, bdoti kummerċjali) u 6.4.1.3 (klassi 2, bdoti privati) jeħtieġu wkoll li l-awtorità tal-liċenzji tkun sodisfatta bir-riżultat tal-eżami u bil-valutazzjoni ajromediċi. L-awtorità tal-liċenzji għalhekk teħtieġ ir-riżultati korrispondenti tal-eżami.
- Huwa rikonoxxut b'mod ġenerali li l-istorja medika kompleta ta' bdot hija importanti ħafna għall-valutazzjoni tal-idoneità għat-tajran. Il-bdoti għandhom għażla libera li jżuru kwalunkwe AeMC jew AME fl-Ewropa u ċ-ċertifikat mediku għandu jiġi aċċettat fl-Istati Membri kollha. L-AME jista' ma jkollux l-istorja medika sħiħa ta' applikant jew, għal raġunijiet lingwistiċi, jista' ma jkunx kapaċi jifhem l-evidenza li bdot joffri għal kjarifika. F'każ bħal dan, l-AME jista' jirrikorri għall-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji għall-bdoti biex tagħtih parir dwar l-istorja medika. Barra minn hekk, l-awtorità tal-ħruġ tal-liċenzji hija f'pożizzjoni li tivvaluta r-riżultat ta' valutazzjoni medika jekk ikollha r-riżultati tal-valutazzjonijiet ajromediċi kollha li jkun għamel bdot.

<sup>4</sup> Anness 1, 1.2.4.6 tal-ICAO Wara li jkun lesta l-eżami mediku tal-applikant skont il-kapitolu 6, l-eżaminatur mediku għandu jikkoordina r-riżultati tal-eżami u jissottometti rapport iffirmit, jew ekwivalenti tiegħu, lill-Awtorità tal-Liċenzji, skont ir-rekwiżiti tiegħu, bir-riżultati tal-eżami u l-valutazzjoni tar-riżultati rigward is-saħħa medika.

<sup>5</sup> Anness 1, 6.3.1.3 tal-ICAO Meta awtorità tal-liċenzji tkun sodisfatta li r-rekwiżiti ta' din it-taqsima u d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' 6.1 u 6.2 jkunu intlaħqu, għandha tinħareġ Valutazzjoni Medika tal-Klassi 1 lill-bdot. (Regola ekwivalenti għall-Klassi 2 f'6.4.1.3).

- Il-protezzjoni tad-dejta għandha tiġi żgurata mill-awtorità tal-liċenzji sabiex il-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta tiġi sodisfatta.

Ir-rekwiżit ġie ttrasferit mill-JAR-FCL 3.29.

MED.A.040: Ċertifikat mediku tal-LAPL jista' jinħareġ minn GMP u dan huwa rifless fir-Regoli Implimentattivi billi jiddikjaraw "jekk permess skont il-liġi nazzjonali tal-awtorità tal-liċenzji." Diversi reazzjonijiet għas-CRD ipproponew li jintqal sempliċiment "jekk permess skont il-liġi nazzjonali". It-test ma nbidilx minħabba li f'dan il-każ, bdot tal-pajjiż A, fejn il-GMPs mhumiex awtorizzati joħorġu ċertifikati mediċi jista' jkollu ċ-ċertifikat tiegħu maħruġ f'pajjiż B fejn il-GMP ikun jista' jagħmel dan. Il-kliem fis-CRD u fl-Opinjoni jiċċaraw li l-liġi tal-pajjiż fejn il-bdot għandu l-liċenzja tiegħu/tagħha tapplika wkoll.

30. MED.A.045: Il-perjodi ta' validità ta' ċertifikat mediku tal-LAPL ġew allinjati mal-ICAO Anness 1 SARPs. Din il-bidla ġiet diskussa mal-gruppi interessati kollha u finalment kien hemm qbil dwarha. L-iqsar perjodi ta' validità huma bbilanċjati billi l-AME jew GMP huma awtorizzati li ma jwettqux eżamijiet jew testijiet ajromediċi wara ċ-ċertifikat mediku inizjali sal-età ta' 50 sena b'kunsiderazzjoni dovuta għall-istorja medika.

### Subparti B – Rekwiżiti għaċ-ċertifikati mediċi tal-bdoti

31. MED.B.001 (a) Il-paragrafu dwar il-limitazzjonijiet tas-saħħa medika ġie trasferit mis-Subparti A għas-Subparti B kif imsemmi fil-paragrafu 9. Żewġ reazzjonijiet mill-Istati Membri indikaw li d-deċiżjoni dwar is-saħħa medika f'każijiet fejn il-bdot ma jissodisfax għal kollox ir-rekwiżiti għandha tittieħed mill-AeMC jew AME u mhux minn, jew b'konsultazzjoni mal-awtorità tal-liċenzji.

It-test tal-Opinjoni ma nbidilx meta mqabbel mas-CRD għar-raġunijiet li ġejjin:

- Anness 1, 6.1.3<sup>6</sup> tal-ICAO fejn l-AME huwa obligat li jidentifika kwalunkwe każ individwali fejn l-applikant ma jissodisfax ir-rekwiżiti għal kollox lill-awtorità tal-liċenzji.
- Ir-regolamenti attwali tal-JAR-FCL 3 jeħtieġu li t-taqsima ajromedika (AMS) tal-awtorità li tevalwa każijiet fejn l-idoenità skont ir-regoli ma tistax tingħata prova tagħha u tiddeċiedi jekk valutazzjoni idonea, b'limitazzjoni(jiet)jew mingħajr limitazzjoni(jiet), tistax issir jew le. Fl-Emenda 7, JAR-FCL 3.125 jipprovdi possibbiltà ta' delegazzjoni ta' dan il-kompitu tal-AMS għal Ċentru Ajromediku (AMC) jew AME, madankollu, id-deċiżjoni xorta għandha tittieħed b'konsultazzjoni mal-AMS u l-Awtorità għandha tiġi infurmata bid-dettalji tal-każ.
- Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri għandha sistema fis-seħħ li hija riflessa fir-Regoli Implimentattivi tal-Parti-MED.

32. MED.B.001 (d) Wara r-reazzjonijiet riċevuti, ġiet miżjuda limitazzjoni operattiva ġdida ma' dan is-subparagrafu biex ikollha l-akbar flessibbiltà possibbli għal valutazzjonijiet idonei għal ċertifikati mediċi tal-LAPL u tal-klassi 2. Fil-każijiet fejn dawn il-bdoti ma jistgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli iżda xorta jistgħu jkunu kapaċi jtiru, dawn jistgħu jiġu ristretti biex itiru biss mingħajr passiġġieri (OPL - Limitazzjoni Operattiva tal-Passiġġieri).
33. Il-limitazzjonijiet (mediċi) l-oħrajn kollha huma fil-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità sabiex jipprovdu ċertu livell ta' flessibilità.
34. Partijiet interessati pproponew ukoll tibdil fir-rekwiżiti tekniċi mediċi fis-Subparti B. Il-kwistjonijiet ewlenin kienu dijabete li tiddependi fuq l-insulina, iperopja fl-applikanti għal ċertifikati mediċi inizjali tal-klassi 1, l-ittestjar għall-viżjoni bil-kulur, u l-valutazzjoni ta'

<sup>6</sup> Anness 1, 6.1.3 tal-ICAO L-eżaminatur mediku għandu jirrapporta lill-Awtorità tal-Liċenzji kwalunkwe każ individwali fejn, fl-opinjoni tal-eżaminatur, in-nuqqas ta' sodisfazzjoni ta' rekwiżit minn applikant, kemm jekk numeriku kif ukoll jekk le, ikun tali li l-eżerċizzju tal-privileġġi tal-liċenzja li qed japplika għaliha, jew li għandu, ma jkunx tali li jipperikola s-sikurezza tat-titjira.

bdoti bl-ażżma. Dawn il-kummenti u r-reazzjonijiet ma ġewx aċċettati minħabba li dawn l-emendi jirriżultaw f'bidliet sinifikanti fil-JAR-FCL 3 li kien il-bażi ta' din l-Opinjoni u, fil-każ tad-dijabete jistgħu jmorru kontra l-Anness 1 tal-ICAO. Il-proposti kollha li ma ġewx inklużi f'din l-Opinjoni se jrin jerġgħu jiġu kkunsidrati matul il-kompitu tat-tfassil ta' regoli MED.001 u għandhom iwettqu l-konsultazzjoni prevista fil-proċedura tat-tfassil ta' regoli.

35. MED.B.095 Ir-rekwiżiti mediċi tal-LAPL kienu diġà jaqgħu taħt l-istandards tal-ICAO fis-CRD. Dawn ġew immodifikati xi ftit iżda bażikament jibqgħu l-istess.

#### **Subparti D - Rekwiżiti għas-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina**

36. MED.D.001 Ġenerali, jinkludi biss bidliet editorjali għaċ-ċarezza.
37. MED.D.005 Valutazzjonijiet ajromediċi. Din ir-regola tinkludi tliet bidliet. L-ewwel waħda, li tapplika għas-subparti kollha, tirriżulta miż-żieda ta' definizzjoni ta' 'valutazzjoni' fil-MED.A.010. Issa qiegħed jiġi propost li r-referenza tiġi limitata għal 'valutazzjoni ajromedika', li tfisser li, bħal ma huwa speċifikat aktar fit-taqsim 2, valutazzjoni ajromedika tista' tinkludi, jew le, eżami kliniku. Saret bidla oħra fl-intervalli għall-valutazzjonijiet ajromediċi. Minflok tliet perjodi ta' validità differenti li jiddependu fuq l-età, issa qiegħda tiġi proposta validità massima, filwaqt li perjodi jew intervalli iqsar xorta għadhom possibbli jekk ikun meħtieġ. L-aħħar bidla li għandha tiġi osservata tirriżulta wkoll minn bidliet li saru fl-istruttura tal-Parti-MED. Il-kwalifiki meħtieġa biex Prattikant mediku tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol iwettaq valutazzjonijiet ajromediċi tal-ekwipaġġ tal-kabina tressqu taħt MED.E.040 fis-Subparti E speċifika li tkopri t-tobba kollha li jivvalutaw is-saħħa medika.
38. MED.D.025 Kontenut tal-valutazzjonijiet ajromediċi, din ir-regola wkoll inbidlet b'mod sinifikanti bħala riżultat taż-żieda tad-definizzjoni ta' 'valutazzjoni'. Il-punt (a)(1) ġie emendat għal ċarezza, li ppermetta li jitħassar il-punt li qabel kien (a)(3). Il-punt (b) ġie emendat biex jipprovdi l-flessibilità mitluba skont il-prattiki attwali fir-rigward tat-twettiq ta' eżami kliniku fil-każ ta' valutazzjoni mill-ġdid.
39. MED.D.030 Rapport mediku tal-ekwipaġġ tal-kabina. Kif irrakkomandat minn haġna kummenti għall-NPA, ġie propost taħt il-MED.E.015(a) u (b) ta' qabel fis-CRDr, li jkun hemm rekwiżit għal xi 'karta medika'. Għal raġunijiet ta' ċarezza, dan tressaq għal din it-taqsim 1-ġdida. Barra minn hekk, il-formulazzjoni 'attestazzjoni' ġiet sostitwita b'rapport' kif issuġġerit minn reazzjoni għas-CRD. L-elementi li għandhom jiġu speċifikati fuq dan ir-rapport mediku tal-ekwipaġġ tal-kabina ġew iċċarati u huma distinti minn dawk li jaqgħu taħt ir-rekwiżit għall-kunfidenzjalità medika.
40. MED.D.035 Limitazzjonijiet. Din id-dispożizzjoni kienet żdiedet fis-CRD bħala miżura ta' mitigazzjoni għall-flessibilità pprovduta fis-CRD, kif mitlub mill-kummenti lill-NPA, għal xi kundizzjonijiet mediċi partikolari li huma normalment meqjusin bħala potenzjalment mhux kompatibbli mad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-ekwipaġġ tal-kabina. Din ma ġietx emendata, iżda biss mressqa għat-taqsim 3 l-ġdida għal raġunijiet ta' ċarezza.

#### **Subparti E - Eżaminaturi Ajromediċi, Professjonisti Mediċi Ġenerali, Professjonisti tas-Saħħa Medika fuq il-Post tax-Xogħol**

41. MED.E.035 Ir-rekwiżiti li l-GMPs ikollhom għarfien tal-mediċina tal-avjazzjoni jew li jkollhom jew kellhom liċenzja ta' bdot tħassru. Madankollu, żdiedet regola li japplikaw regoli nazzjonali addizzjonali biex jippermettu lil GMP jevalwa s-saħħa medika tal-bdoti.
42. MED.E.040 Ir-rekwiżiti tal-OHMP, oriġinarjament fil-MED.E.005 (c)(2), ġew riformulati għal raġunijiet ta' ċarezza.

P. GOUDOU

Direttur Eżekuttiv



**Anness I – Tabella ta' Konverżjoni CRD għall-Opinjoni**

Opinjoni / Titolu	Opinjoni	CRD	CRD / Titolu
Subparti A – Rekwiżiti Ġenerali			
<b>Taqsim 1 – Ġenerali</b>			
Awtorità Kompetenti	MED.A.001	MED.A.001	Awtorità Kompetenti
Ambitu	MED.A.005	MED.A.005	Ambitu
Definizzjonijiet	MED.A.010	MED.A.010	Definizzjonijiet
Kunfidenzjalità Medika	MED.A.015	MED.A.015	Kunfidenzjalità Medika
Tnaqqis fis-saħħa medika	MED.A.020	MED.A.025 MED.A.060 MED.E.010	Sospensjoni tal-eżerċizzju tad-dmirijiet Sospensjoni tal-eżerċizzju tal-privileġġi Sospensjoni tal-eżerċizzju tad-dmirijiet
Obbligi tal-AeMC, AME, GMP u OHMP	MED.A.025	MED.A.050	Obbligi tal-AeMC, AME u GMP
<b>Taqsim 2 – Rekwiżiti għal ċertifikazzjoni medika</b>			
Ċertifikati Mediċi	MED.A.030	MED.A.020	Ċertifikazzjoni medika
Applikazzjoni għal ċertifikat mediku	MED.A.035	MED.A.035	Applikazzjoni għal ċertifikat mediku
Ħruġ, validazzjoni mill-ġdid u tiġdid ta' ċertifikati mediċi	MED.A.040	MED.A.030 MED.A.040 MED.A.050	Kompetenza għall-ħruġ, validazzjoni mill-ġdid u tiġdid ta' ċertifikati mediċi Rekwiżiti għall-ħruġ, validazzjoni mill-ġdid u tiġdid ta' ċertifikati mediċi Obbligi tal-AeMC, AME u GMP
Validità, validazzjoni mill-ġdid u tiġdid ta' ċertifikati mediċi	MED.A.045	MED.A.055	Validità, validazzjoni mill-ġdid u tiġdid ta' ċertifikati mediċi
Riferiment	MED.A.050	MED.A.050	(ċ)
<b>Taqsim 3 – Sospensjoni u revoka</b>			
./.	MED.A.020	MED.A.060	Sospensjoni tal-eżerċizzju tal-privileġġi

Opinjoni / Titolu	Opinjoni	CRD	CRD / Titolu
./.	MED.A.055	MED.A.065	Sospensjoni u revoka taċ-ċertifikati mediċi
<b>Subparti B Rekwiżiti għal ċertifikati mediċi tal-bdoti</b>			
<b>Taqsim 1 – Ġenerali</b>			
Limitazzjonijiet għal ċertifikati mediċi	MED.B.001	MED.A.045	Limitazzjonijiet għal ċertifikati mediċi
	rinumerazzjoni wara dan		
<i>Subparti C – Riżervata</i>			
<b>Subparti D – Rekwiżiti għas-saħħa medika tal-ekwipaġġ tal-kabina</b>			
<b>Taqsim 1 – Rekwiżiti ġenerali</b>			
Ġenerali	MED.D.001	MED.E.001	Rekwiżiti ġenerali
Valutazzjonijiet ajromediċi	MED.D.005	MED.E.005	Eżamijiet u valutazzjonijiet ajromediċi
<b>Taqsim 2 – Rekwiżiti għal valutazzjoni ajromedika tal-ekwipaġġ tal-kabina</b>			
Ġenerali	MED.D.020	MED.E.020	Rekwiżiti ġenerali
Kontenut tal-valutazzjonijiet ajromediċi	MED.D.025	MED.E.025	Kontenut ta' eżamijiet u valutazzjonijiet ajromediċi
<b>Taqsim 3 – Rekwiżiti addizzjonali għall-applikanti għal, detenturi ta', attestazzjoni ta' ekwipaġġ tal-kabina</b>			
Rapport mediku tal-ekwipaġġ tal-kabina	MED.D.030	MED.E.015(a) u (b)	Rekwiżiti addizzjonali għall-applikanti għal, u detenturi ta', attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina f'operazzjonijiet kummerċjali tat-trasport bl-ajru (Attestazzjoni medika)
Limitazzjonijiet	MED.D.035	MED.E.015(c)	Rekwiżiti addizzjonali għall-applikanti għal, u detenturi ta', attestazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina f'operazzjonijiet kummerċjali tat-trasport bl-ajru (Limitazzjonijiet)

Opinjoni / Titolu	Opinjoni	CRD	CRD / Titolu
<b>Subparti E – Eżaminaturi ajromediċi, professjonisti mediċi ġenerali, professjonisti tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol</b>			
<b>Taqsim 1 – Eżaminaturi ajromediċi</b>			
Privileġġi	MED.E.001	MED.C.001	Privileġġi
	rinumerazzjoni minn hemm 'il quddiem		
<b>Taqsim 2 – Professjonisti Mediċi Ġenerali</b>			
Rekwiżiti għal professjonisti mediċi ġenerali	MED.E.035	MED.D.001	Rekwiżiti għall-professjonisti mediċi ġenerali
<b>Taqsim 3 – Professjonisti tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol</b>			
Rekwiżiti għal professjonisti mediċi tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol	MED.E.040	MED.E.005	(ċ) Eżamijiet u valutazzjonijiet ajromediċi